

Moving Europe towards a sustainable and
safe railway system without frontiers.

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet ta' Amministraturi (Uffiċjali tal-Proġetti) fid-Dipartiment tas-Sigurtà Ferrovrarja

Aġent Temporanju 2(f) (AD6) - bil-għan li tiġi stabbilita lista ta' riżerva - ERA/AD/2026/001-OPE

I – KONTENUT TAL-IMPJIEG

L-Aġenzija qed tftitex Amministraturi (Uffiċjali tal-Proġetti) għad-Dipartiment tas-Sigurtà Ferrovrarja, biex tappoġġa l-ambizzjoni tagħha li tagħmel il-ferrovija mezz ta' trasport dejjem aktar sigur u mingħajr periklu għall-utenti u l-ħaddiema, kif ukoll reżiljenti u flessibbli fir-rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Kompetenza ewlenija tal-Aġenzija hija li toħroġ Ċertifikati Uniċi ta' Sigurtà, biex turi li l-Impriżi Ferrovrarji stabbilew is-sistema tagħhom ta' ġestjoni tas-sigurtà u huma kapaċi jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom.

Il-programmi integrati tal-Aġenzija fil-qasam tas-Sigurtà għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jiksbu l-eżiti li ġejjin:

- › L-operaturi kollha (jiġifieri l-maniġers tal-infrastruttura, l-impriżi ferrovrarji, l-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni) jifhmu u jaċċettaw ir-responsabbiltà tagħhom u jimplimentaw b'mod attiv Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà biex jikkontrollaw ir-riskji tal-attivitajiet operazzjonali;
- › Żieda fil-prestazzjoni u fil-fiduċja tal-livelli differenti ta' kontroll relatati mas-sigurtà (eż. l-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà, il-korpi ta' valutazzjoni u ċertifikazzjoni, il-korpi investigattivi nazzjonali) tas-sistema ferrovrarja;
- › Id-data relatata mal-ġestjoni tas-sigurtà u l-prestazzjoni tas-sigurtà hija kondiviża b'mod miftuħ u trasparenti u tintuża biex ittejjeb kontinwament il-ġestjoni tas-sigurtà fil-livelli kollha fis-sistema ferrovrarja Ewropea.

Kompiti u responsabbiltajiet ewlenin tal-persuna impjegata:

- › Tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' Ċertifikat Uniku tas-Sigurtà (SSC), bħala membru ta' tim ta' valutazzjoni, u tipprovdi pariri tekniċi u professjonali kif ukoll opinjoni dwar il-proġetti ta' applikazzjoni ta' dan iċ-ċertifikat;
- › Tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-prinċipji ewlenin tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà (SMS) u l-qafas metodoloġiku għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-ferroviji, inklużi fost oħrajn il-manutenzjoni kif regolata skont il-Metodi Komuni ta' Sigurtà (CSM), b'appoġġ mill-Aġenzija permezz ta' gwida u kondiviżjoni ta' esperjenzi;
- › Tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-livelli ta' kontroll fis-sistema Ewropea tas-sigurtà tal-ferroviji (eż. awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà, korpi ta' valutazzjoni u ta' ċertifikazzjoni), bħala membru ta' tim ta' valutazzjoni, u tipprovdi pariri tekniċi u professjonali kif ukoll opinjoni dwar l-istrutturar u l-prestazzjoni tagħhom;
- › Tikkontribwixxi fl-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati fir-rappurtar ta' data relatata mas-sigurtà u l-użu ta' din id-data biex jiġi prodott għarfien dwar is-sigurtà bbażat fuq l-evidenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.

Il-persuni impjegati ta' dawn il-pożizzjonijiet se jaħdmu fid-Dipartiment tas-Sigurtà Ferrovrarja, taħt ir-responsabbiltà tal-Kapijiet tal-Unitajiet u tal-Kapijiet tat-Tim rispettivi. L-Aġenzija tmexxi organizzazzjoni matriċi. Għaldaqstant, il-persuni impjegati jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet oħrajn skont il-ħtiġijiet.

II – KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Il-proċedura ta' selezzjoni hija miftuħa għall-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha li ġejjin, fid-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

1. Rekwiżiti ġenerali:

- › Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea¹, jew ċittadini taż-Żona Ekonomika Ewropea (L-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja);
- › Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha bħala ċittadini;
- › Ikunu wettqu kull obbligu impost mil-liġijiet applikabbli li jikkonċernaw is-servizz militari²;
- › Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti³;
- › Ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga⁴;
- › Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' lingwa uffiċjali⁵ tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra⁶ tal-Unjoni Ewropea sa fejn dan huwa meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet relatati mal-kariga;
- › Ikollhom anqas mill-età li fiha l-persunal tal-UE jirtira b'mod awtomatiku, jiġifieri attwalment fl-aħħar jum tax-xahar li fiha huwa/hija jilħaq/tilħaq l-età ta' 66 sena⁷.

2. Kwalifiki minimi:

- › Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, attestati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' **4 snin jew aktar** segwit minn mill-inqas **3 snin** ta' esperjenza professjonali rilevanti f'qasam li jkun rilevanti għall-qasam/oqasma magħżul/a;

JEW

- › Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, attestati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' **3 snin**, segwiti minn mill-inqas **4 snin** ta' esperjenza professjonali rilevanti f'qasam li huwa rilevanti għall-qasam/oqasma magħżul/a.

JEW

- › Ikollhom fejn iġġustifikat fl-interessi tas-servizz, taħriġ professjonali ta' livell ekwivalenti.

1 L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma : l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, u l-Iżvezja.

2 Jekk applikabbli

3 Qabel ma jiġi rekrutat, il-kandidat li jintgħażel jintalab jipprovdni ċertifikat li jikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe rekord kriminali

4 Qabel ma jiġi rekrutat, il-kandidat li jintgħażel għandu jiġi eżaminat f'ċentru mediku indikat mill-Aġenzija sabiex jiġi kkonfermat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 13 tas-CEOS tal-UE huma ssodisfati.

5 Il-lingwa materna tiegħek jew lingwa oħra uffiċjali tal-UE li għandek għarfien tajjeb ħafna tagħha li jikkorrispondi għal-livell C1 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) <http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr>

6 Għarfien tat-tieni lingwa uffiċjali tal-UE tiegħek li jikkorrispondi għal mill-inqas livell B2 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL)

7 Ara l-Artikolu 52 (a) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, applikabbli għal Aġenti Temporanji b'analoġija, l-Artikolu 47 tas-CEOS

Jiġu aċċettati biss kwalifiki maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew mill-awtoritajiet taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) u kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE jew taż-ŻEE.

III – KRITERJI TA' SELEZZJONI

Il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn fuq, jiġu vvalutati u jingħataw punteġġ skont **il-kriterji ta' selezzjoni**. Il-kandidati li ma jissodisfawx wieħed jew iktar mill-kriterji ta' selezzjoni mhum iex se jiġu esklużi immedjatament mis-selezzjoni.

Kriterji ta' selezzjoni użati biex jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet tal-kandidati:

- › Għarfien tajjeb tal-lingwa Ingliża⁸ (fit-taħdit u fil-kitba bħala utent indipendenti f'livell B2 fit-3 oqsma: Taħdit, Kitba u Fehim);
- › Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin **f'settur wieħed jew aktar** minn dawn li ġejjin:
 - Awditjar ta' Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sigurtà;
 - Disinn jew implimentazzjoni ta' Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sigurtà (ibbażati fuq ir-riskju).
- › Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin **f'settur wieħed jew aktar** minn dawn li ġejjin:
- › Analiżi tad-data operazzjonali disponibbli minn sistemi differenti ta' informazzjoni għal skopijiet ta' ġestjoni tas-sigurtà;
- › Tħaddim tal-ferroviji jew ġestjoni tat-traffiku: pereżempju, ippjanar, skedar tal-persunal u ta' vetturi ferrovjarji, ħin reali/dispaċċ, kompożizzjoni tal-ferrovija, spezzjoni qabel it-tluq, manuvrar, sitwazzjonijiet degradati u ta' emerġenza;
- › Manutenzjoni ta' vetturi ferrovjarji jew installazzjonijiet fissi: definizzjoni ta' ħtiġijiet ta' manutenzjoni, żvilupp ta' pjanijiet ta' manutenzjoni, u tmexxija u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom;
- › Għarfien tajjeb (fit-taħdit u fil-kitba bħala utent indipendenti f'livell B2 fit-3 oqsma: Taħdit, Kitba u Fehim) **ta' waħda jew aktar** mil-lingwi uffiċjali tal-UE li ġejjin⁹ iċ-Ċek, il-Ġermaniż, l-Ungeriż, is-Sloven, is-Slovakk, il-Litwan, il-Latvjan, l-Estonjan u l-Kroat se jiġu kkunsidrati bħala vantaġġużi;
- › Minimu ta' sena ta' esperjenza professjonali metodi u għodod għall-ġestjoni ta' proġetti.

Il-kwalifiki edukattivi/akkademiċi u l-esperjenzi professjonali jridu jiġu deskritti b'mod preċiż kemm jista' jkun fil-formola ta' applikazzjoni tal-ERA.

Huma biss il-kandidati li jgħaddu minn minimu ta' 60 % tal-punteġġ totali mogħtija għall-kriterji ta' selezzjoni li jiġu kkunsidrati u mistiedna għal intervista u test bil-miktub.

IV – INTERVISTA U TEST BIL-MIKTUB

Il-kandidati magħżula għall-fażi tat-test li tinkludi intervista strutturata u test bil-miktub se jiġu vvalutati u jingħataw punteġġi skont il-kriterji li ġejjin:

Għall-intervista: kriterji rilevanti:

⁸ Peress li l-lingwa ta' ħidma tal-Aġenzija hija l-Ingliż, huwa meħtieġ livell minimu B2 fl-Ingliż (fit-3 oqsma: Taħdit, Kitba u Fehim) bl-Ingliż huwa meħtieġ
⁹ Abbażi tal-ammont ta' xogħol tal-attivitajiet għad-Dipartiment tas-Sigurtà Ferrovarja, l-Aġenzija teħtieġ persunal addizzjonali li jkollu għarfien tajjeb tal-lingwi uffiċjali addizzjonali tal-UE, livell minimu ta' B2 fit-3 oqsma: Taħdit, Kitba u Fehim

Ħiliet personali (jiġu vvalutati biss waqt l-intervista orali):

- › Motivazzjoni;
- › Ħidma mal-oħrajn;
- › Ħiliet ta’ komunikazzjoni;
- › Kapaċità fis-soluzzjoni ta’ problemi u orjentazzjoni lejn ir-riżultati.

Ħiliet tekniċi:

- › Kapaċità ta’ komunikazzjoni bl-Ingliż (bħala utent indipendenti f’livell B2).
- › Għarfien u fehim fil-leġiżlazzjoni tal-UE bħala rilevanti għall-kriterji ta’ selezzjoni msemmija hawn fuq.

Għat-test bil-miktub: kriterji rilevanti:

- › Kapaċitajiet analitiċi eċċellenti;
- › Għarfien u kompetenzi relatati mal-kariga speċifika;
- › Kapaċità ta’ komunikazzjoni bl-Ingliż miktub (bħala utent indipendenti f’livell B2);

Għall-kelliema nattivi tal-Ingliż, l-abbiltà tiegħek li tikkomunika bit-tieni lingwa tal-UE tiegħek se tiġi ttestjata matul l-intervista. Minħabba li din tiffirma parti mir-rekwiżiti ġenerali msemmija hawn fuq, kwalunkwe nuqqas li tagħti prova tal-livell sodisfaċenti tat-tieni lingwa tal-UE tiegħek iwassal biex tiġi eskluż mis-selezzjoni.

Għal-lingwi uffiċjali addizzjonali tal-Unjoni Ewropea: **il-kandidati għandhom jintalbu jipprovdu dokumenti/evidenza ta’ sostenn li jkollhom il-livell meħtieġ.** Dawn il-lingwi jistgħu jiġu ttestjati wkoll b’mod kwalitattiv matul l-intervista minn kelliema esperti li mhux neċessarjament huma membri tal-kumitat ta’ selezzjoni.

Il-punteġġi għall-intervisti u t-test bil-miktub huma stabbiliti kif ġej:

- › Punteġġ totali għall-intervista: **80 punt** Punteġġ minimu biex il-kandidati jgħaddu: **48 punt (60 % minn 80);**
- › Punteġġ totali għat-test bil-miktub: **20 punt** Punteġġ minimu biex il-kandidati jgħaddu: **12-il punt (60 % minn 20).**

It-test bil-miktub tal-kandidati ma għandux jiġi vvalutat jekk matul l-intervista l-punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi ma jintlaħaqx.

V – SOMMARJU	
L-Aġenzija: Ikklikkja hawn għad-deskrizzjoni tal-Aġenzija u l-attivitajiet tagħha fil-lingwi differenti tal-UE	
Data tal-pubblikazzjoni: 23/09/2026	Data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet: 22/10/2026 (23.59 CET, ħin lokali ta’ Valenciennes)
Tip ta’ kuntratt: Aġent Temporanju 2(f) Grupp tal-funzjoni u grad: AD6	Post tal-impjeg: Valenciennes, Franza
120 Rue Marc Lefrancq BP 20392 FR-59307 Valenciennes Cedex Tel. +33 (0)327 09 65 00 era.europa.eu	

	L-ERA topera mudell ibridu ta’ ħidma li jikkombina l-preżenza fuq il-post ma’ opportunitajiet ta’ xogħol mill-bogħod. Ix-xogħol mill-bogħod huwa suġġett għal limiti speċifiċi stabbiliti fir-regoli interni u għandu jkun allinjat mal-bżonnijiet tan-negozju u l-approvazzjoni maniġerjali. Jekk jogħġbok innota li xogħol full time mill-bogħod mhux permess.
<i>Durata tal-kuntratt:</i> 4 snin u jista’ jiġġedded għal perjodu definit ta’ mhux aktar minn sentejn. Jekk jiġġedded għat-tieni darba, il-kuntratt isir indefinit	<i>Salarju bażiku fix-xahar:</i> EUR 6 961,29 fl-ewwel skala b’koeffiċjent tal-korrezzjoni ta’ 13,6 % flimkien ma’ allowances speċifiċi fejn applikabbli
<i>L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bl-email esklussivament fl-indirizz li ġej: jobs@era.europa.eu</i> sa mhux aktar tard minn 22/10/2026 (23.59 CET, ħin lokali ta' Valenciennes)	<i>Lista ta’ riżerva:</i> L-ewwel 30 kandidat (numru indikattiv) se jitqiegħdu fil-lista ta’ riżerva li tkun valida sa: 22/10/2028 , bil-possibbiltà ta’ estensjoni. Din il-lista ta’ riżerva tista’ tiġi kondiviża ma’ Aġenziji / Impriżi Konġunti oħra tal-UE li ffirmaw il-Memorandum ta’ Qbil¹⁰ (MtQ), u dan isir biss bil-kunsens tal-kandidati.
<i>Proċedura ta’ applikazzjoni:</i> ikklikkja hawn	<i>Proċedura ta’ selezzjoni:</i> ikklikkja hawn
<i>Proċeduri ta’ appell u ta’ lment:</i> ikklikkja hawn	<i>Protezzjoni tad-data:</i> ikklikkja fuq Data protection European Union Agency for Railways (europa.eu) u inżel ’l isfel fil-paġna għat-taqsima “Selezzjoni u rekrutaġġ tal-Persunal tal-Aġenzija (TA, CA, SNE u trainees)”

¹⁰ Dan jirreferi għal-[Lista](#) tal-Aġenziji tal-UE u l-Impriżi Konġunti li ffirmaw [Memorandum ta' Qbil](#) dwar l-użu ta' listi ta' riżerva ta' kandidati adatti minn avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti għall-persunal temporanju rekrutat skont l-Artikolu 2(f) tal-CEOS u għall-persunal kuntrattwali rekrutat skont it-termini tal-Artikolu 3a tal-CEOS.